**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **554/2022 (AD)**

**MARIA CONCETTA BONELLO (KI 53431M)**

**VS**

**AVUKAT TAL-ISTAT U**
**GEORGE BONELLO (KI 193856M)**
**LI ĠIE INTERVENUT FIL-KAWŻA *IN STATU ET TERMINIS* B'DIGRIET TAS-6 TA' DIĊEMBRU 2022**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, tmintax (18) t'Ottubru 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hi sentenza dwar allegata leżjoni tad-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq bi vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tad-dritt tar-rikorrenti għal pussess ta' proprjeta' bi vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

**Fatti tal-Każ**

2. Permezz ta' Rikors Kostituzzjonali datat dsatax (19) t'Ottubru 2022, ir-rikorrenti **Maria Concetta Bonello** ippremettiet:

   a. *Illi żmien ilu żewġha kien ingħata b'mera tolleranza art imsejħa Ta' San Ġwakkin, Mrieħel, f'Ħal Qormi u dan mingħand il-familja tal-mara tal-President Emeritus tal-Qorti Professur Dr J. J. Cremona u liema hija baqgħet tgawdi u għadha suppost tgawdi;*

   b. *Illi hija kienet ippermettiet lil uliedha kollha li jaħdmu l-istess art pero' kellha wkoll id-dritt li dak li tibqa' tiddisponi peress li t-titlu prekarju li kellha qatt ma rrinunzjat għalih, peress li l-istess filfatt ma setax jiġi b'xi mod ttrasferiet, u jew ċedut lil terzi;*

   c. *Li wieħed minn uliedha, George Bonello (ID 193856M) ippretenda li għandu dritt u jrid jaqsam l-art u għal dan l-iskop fetaħ kawża quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili għal diviżjoni tal-istess raba' li jinsab f'Ħal Qormi u msejjaħ Ta' San Ġwakkin, Mrieħel;*

   d. *L-istess George Bonello fil-kawżali tiegħu għall-kawża li ġġib in-numru 1162/10 JA qal li kien qed iżomm din ir-raba' b'titlu ta' qbiela li wiret mingħand il-missier li miet. Fl-istess kawża kien xehed il-Professur Emeritus President tal-Qorti J. J. Cremona;*

   e. *Illi waqt il-kawża l-istess attur biddel id-definizzjoni ta' kif kienet l-art ta' San Ġwakkin u minflok qal li din kienet art li kienet b'mera tolleranza għandhom, ħlief għall-parti ta' Bajtra li verament m'hemm l-eda kontestazzjoni li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li kienet ta' kulħadd, iġifieri tat-tlett aħwa Bonello (eskluża l-omm). Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fehmet id-distinzjoni bejn dik li kienet qbiela u dik li kienet b'mera tolleranza għand l-esponenti;*

   f. *Illi b'sentenza tat-18 ta' Lulju 2022 l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddeċidiet il-kawża b'mod illi ġej:*

g. *Minn paġna 24 is-sentenza tibda ssemmi artijiet li qegħdin bit-tolleranza u qalet illi dawn għandhom jinqasmu bejn it-tliet partijet f'dik il-kawża u bl-ebda mod ma nkwadrat lill-esponenti bħala titolari tat-titlu b'mera tolleranza u mhux it-tliet uliedha li kif kien ikollhom dritt kieku kienet qbiela bejniethom;*

h. *Fil-paragrafu 33 tas-sentenza tat-18 ta' Lulju 2022 tal-Qorti tal-Appell jingħad li l-qorti ħalli mhux kulħadd jaqbad u jaħtaf dak li jidhirlu a skapitu ta' ħaddieħor, kienet qed tagħti rimedju sui generis. Filfatt,il-Qorti tal-Appell ħadet dak li kien b'mera tolleranza għand l-esponeti Maria Concetta Bonello għaliex binha George Bonello ippretenda li dawk il-jeddijiet kienu għandu;*

i. *Illi huwa ċar mill-istess sentenza li meta kien hemm xi reġistrazzjonijiet li kellhom isiru fuq l-art b'mera tolleranza din kienet bil-kunsens tal-istess Maria Concetta Bonello.* ***Kieku ma kienx hekk u t-titlu kien għand uliedha George Bonello, Joseph Bonello u Saviour Bonello, ma kienx ikollhom bżonn l-ebda firma tal-omm ma' xi dipartiment;***

j. *Illi l-istess Maria Concetta Bonello ħarġet minn flus* (sic) *għall-bżonnijiet ta' riparazzjoni u bżonnijiet oħra;*

k. *Illi mis-sentenza stess jidher ċar li Maria Concetta Bonello li bl-ebda mod ma kienet imdaħħla fil-kawża u George Bonello ma ħarrikhiex peress, filwaqt li uliedha konvenuti fil-kawża msemmija qalu mal-ewwel bħala l-eċċezzjoni tagħhom illi l-art li kienet b'mera tolleranza kienet għand l-omm;*

l. *Illi għalhekk l-esponenti kellha u għad għandha l-legitimate expectation illi dak il-possediment, għax mhux neċessarju li jkun proprjeta', tal-art ta' San Ġwakkin li qiegħed b'tolleraza mingħand il-familja tal-Profs Cremona, ittieħed mingħandha u nqasam mingħajr ebda kunsens tagħha u bi dritt u hi qisha ma teżisti xejn. Illi bis-sentenza tal-Qorti tal-*

*Appell filfatt hija ġiet spossessata mingħajr ma kienet parti fil-kawża u mingħajr ebda aċċenn li kien qiegħed jittieħed xi ħaġa mingħandha.*

m. *Illi din tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. U wkoll vjolazzjoni tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stante illi saru proċeduri mill-attur aċċettati mill-qorti minkejja li l-attenzjoni kienet inġibdet illi l-mera tolleranza kienet favur l-omm li qatt ma ġiet imsejħa fil-kawża biex tiddefendi d-drittijiet tagħha. Għalhekk ma jistax jingħad li fil-kas tagħha ħadet sentenza li tolqot id-drittijiet tagħha prekarji kemm huma prekarji imma li kienu fil-pussess għal żmien anke minn qabel sa meta kien ħaj żewġha, illi b'dak il-mod sar ġudizzju fl-assenza kompleta taħgha. Bi preġudizzju assolut għaliha;*

3. Għaldaqstant ir-rikorrenti, għar-raġunijiet premessi, talbet lil din il-Qorti sabiex tiddikjara illi kien hemm vjolazzjoni kontra r-rikorrenti:

    i. *Tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja peress li ma kienx hemm smigħ xieraq fil-konfront tagħha bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Lulju 2022;*

    ii. *Vjolazzjoni tal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem stante li l-istess rikorrenti ġiet spossessata minn possediment illi kellha għal żmien twil bil-kunsens tas-sidien tar-raba' msejjaħ Ta' San Ġwakkin, fil-limiti bejn Ħal Qormi u l-Imrieħel u dan mingħajr ebda proċedura li b'xi mod intużat ħalli tiġi salvagwardati d-drittijiet tagħha;*

    iii. *Tagħti rimedju effettiv inkluż li s-sentenza tat-18 ta' Lulju 2022 fejn hemm rimedju sui generis favur l-attur bi preġudizzju għaliha u għad-drittijiet tagħha, billi tiddikjara li l-istess sentenza ġabet il-vjolazzjonijiet hawn fuq imsemmija;*

    iv. *Tagħtiha kumpens xieraq għall-vjolazzjonijiet imsemmija bl-ispejjeż kontra l-Avukat tal-Istat.*

4. B’digriet mogħti nhar is-sebgħa u għoxrin (27) t’Ottubru 2022, din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors kostituzzjonali lill-intimat Avukat tal-Istat, illi ngħata għoxrin (20) jum żmien min-notifika għar-risposta. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għat-Tlieta, sitta (6) ta’ Diċembru 2022;

5. Permezz ta’ risposta datata wieħed u għoxrin (21) ta’ Novembru 2022, l-**Avukat tal-Istat** eċċepixxa:

   a. *Illi l-esponent mhux edott mill-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-rikorrenti fir-rikors kostituzzjonali tagħha, iżda joġġezzjona għat-talbiet kollha attriċi kif dedotti mill-istess rikors promotur, stante li kif ser jintwera fil-mori ta’ dawn il-proċeduri, dawn huma għal kollox* ***infondati fil-fatt u fid-dritt****;*

   b. *Illi qabel xejn, ir-rikorrenti għandha tipprova li hija tassew tgawdi titolu validu fuq l-art mertu tal-proċeduri odjerni;*

   c. *Illi r-rikorrenti tallega illi l-Qorti ġiet żgwidata matul il-proċeduri bin-numru 1162/10 JA u matul il-proċeduri tal-appell bin-numru ta’ referenza 1162/2010/1. Għalhekk l-esponent umilment jissottometti illi fiċ-ċirkostanzi, ir-rikorrenti kellha ġġib l-azzjoni opportuna kontra l-parti li żgwida lill-Qorti, u mhux tiftaħ proċeduri kostituzzjonali sabiex titlob rimedju għall-allegata leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tagħha mingħand il-Gvern;*

   d. *Illi in oltre, kif ser jiġi ppruvat matul dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti kellha rimedju ordinarju disponibbli u għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha;*

   e. *Illi fi kwalunkwe każ, din l-Onorabbli Qorti m’għandha qatt tintuża bħala Qorti tat-tielet istanza, u terġa’ teżamina mill-ġdid mertu li dwaru tkun inkisbet mill-partijiet res judicata;*

f. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi jekk tirriżulta l-ħtieġa.*

6. B'rikors datat tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2022, George Bonello talab illi jiġi awtorizzat jintervjeni fil-kawża *in statu et terminis* ai termini tal-Artikolu 960 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. B'digriet mogħti waqt is-seduta tas-sitta (6) ta' Diċembru 2022, din il-Qorti laqgħet it-talba ta' George Bonello kif magħmula fir-rikors tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2022, u filwaqt illi awtorizzatu jintervjeni fil-proċeduri odjerni *in statu et terminis,* ikkonċedietlu terminu ta' għoxrin (20) ġurnata sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu;

8. B'digriet ieħor mogħti wkoll waqt is-seduta tas-sitta (6) ta' Diċembru 2022, din il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti sabiex jiġu allegati l-atti kollha tal-kawża 1162/10 JA deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-tmintax (18) ta' Lulju 2022;

9. B'risposta datata sitta (6) ta' Diċembru 2022, l-intervenut fil-kawża **George Bonello** eċċepixxa:

   a. *Illi mhux minnu illi Maria Concetta Bonello "għadha suppost tgawdi" (para 1, paġna 1 tar-Rikors) l-art ossia r-raba' imsejjaħ Ta' San Ġwakkin fl-Imrieħel, limiti ta' Ħal-Qormi, u dan peress* ***li hija volontarjament kienet ittrasferiet l-istess raba' lit-tlett uliedha*** *u cioe lill-esponenti u lil ħutu Saviour u Joseph Bonello. Xhieda ta' dan huma: (i) l-iskrittura tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, esebita fil-proċess fil-kawża fl-ismijiet* ***George Bonello vs Saviour Bonello u Joseph Bonello*** *(Rikors Ġuramentat numru 1162/10 JA) deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju 2022; (ii) ix-xhieda tagħha stess li* ***kkonfermat l-firma tagħha fuq l-istess dokument uffiċjali****; u (iii) ix-xhieda ta' sid ir-raba', il-Professur Dr J J Cremona – kollha kkompilati fl-atti tal-kawża imsemmija;*

b. *Illi lanqas ma huwa minnu dak li r-rikorrenti tgħid li "kellha wkoll id-dritt li dak li tibqa' tiddisponi peress li t-titlu prekarju li kellha qatt ma rrinunzjat għalih, peress li l-istess fil-fatt ma setax jiġi b'xi mod ittrasferit, u jew ċedut lil terzi" (para 2, paġna 1 tar-Rikors). Allura, jekk kif qiegħda tgħid ir-rikorrenti, għalfejn hija volontarjament ittrasferiet u qalbet ir-raba' in kwistjoni bl-ambjenti ta' ġo fihom, f'isem it-tlett uliedha permezz ta' dokument uffiċjali tad-Dipartiment tal-Agrikoltura?*

*Illi l-esponenti jirritjeni li t-trasferiment volontarju da parti ta' ommu, ir-rikorrenti, tar-raba' in kwistjoni kien wieħed li setgħa jsir u sar bl-aktar mod legalment korrett. Għalhekk b'tali trasferiment volontarjament magħmul, ir-rikorrenti Maria Concetta Bonello rrinunzjat għal kull dritt li hija kellha fuq ir-raba' in kwistjoni.*

c. *Illi m'huwiex minnu dak li r-rikorrenti allegat li "wieħed minn uliedha, George Bonello (ID 193856M) ippretenda li għandu dritt u jrid jaqsam l-art u għal dan l-iskop fetaħ kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal diviżjoni tal-istess raba'" (Para 3, paġna 1 tar-Rikors)*

*Il-verita' hi li l-qasma tar-raba' in kwistjoni effettivament bdiet meta, wara li r-rikorrenti kienet dawret u ttrasferiet ir-raba' f'isem it-tliet uliedha, ħut l-esponenti jiġifieri Saviour u Joseph, qabdu u ħadu l-aħjar partijiet tar-raba' partikolarment fejn kien hemm il-borehole u l-bjar, biddlu s-serraturi tar-razzett u l-ambjenti kollha nkluż l-arloġġ tad-dawl, sakkru l-għodda u l-inġenji notabilment it-tractor, biex lill-esponenti jirrenduh ma jista' jagħmel xejn għax spiċċa bla ilma biex isaqqi l-prodotti tiegħu tal-biedja. Illi kien għalhekk li l-esponenti kien kostrett li jipproċedi kontra ħutu bil-kawża msemmija sabiex jikseb sehem ġust mill-qasma tar-raba';*

d. *Illi lanqas m'huwa minnu dak li tallega r-rikorrenti li "George Bonello fil-kawżali tiegħu għall-kawża li ġġib in-numru 1162/10 JA qal li kien qed iżomm din ir-raba' b'titlu ta' qbiela li wiret mingħand il-missier li miet" (para 4 paġna 1 tar-Rikors). L-esponenti qatt ma qal jew*

*jippretenda li huwa kellu xi titolu ta' qbiela. Anzi huwa dejjem semma' li kellu biss mera tolleranza fuq il-parti tiegħu tar-raba' in kwistjoni.*

*Illi l-esponenti xehed ukoll fil-kawża ċitata li meta missieru miet, huwa waħdu kien mar jgħarraf lis-sid, il-Professur J J Cremona u qallu li r-raba' kien inqaleb f'ismu u f'isem ħutu. Is-sid aċċetta li r-raba' jinħadem mit-tliet aħwa u fil-fatt kien talab lill-esponenti sabiex jagħtih in-numri tal-karti tal-identita' tagħhom.*

e. *Illi wkoll mhuwiex minnu dak allegat illi "waqt il-kawża l-istess attur (jiġifieri l-esponenti) biddel id-definizzjoni ta' kif kienet l-art ta' San Ġwakkin u minflok qal li din kienet art li kienet b'mera tolleranza għandhom" (para 5 paġa 1 tar-Rikors). L-esponenti mill-bidu u minn dejjem qal li l-art ta' San Ġwakkin, jiġifieri dik tal-familja Cremona, kienet għandu u għand ħutu b'mera tolleranza. Tant hu hekk li kien l-esponenti li nġunġa u ħarrek lill-Professur J J Cremona sabiex jitla' jixhed fil-kawża li fetaħ kontra ħutu. Li kieku l-esponenti bidel il-verżjoni, żgur li kien ser jinqabad bix-xhieda tal-professur Cremona!*

   *Illi l-esponenti jżid li l-għalqa magħrufa bħala "Ta' Bajtra" biss hi bi qbiela u tappartjeni lill-Uffiċċju Konġunt. Il-kumplament huwa kollu b'mera tolleranza.*

f. *Illi f'para 1 paġna 2 tar-Rikors, ir-rikorrenti tilmenta li fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Appell "bl-ebda mod ma nkwadrat lill-esponenti (jiġifieri lir-rikorrenti) bħala titolari tat-titlu b'mera tolleranza". Kif setgħet il-Qorti tal-Appell tinkwadra lir-rikorrenti fis-sentenza meta:*

   i. *Hi qatt ma kienet parti fil-kawża;*
   ii. *Tressqu biżżejjed provi fil-kawża sabiex ikun ippruvat li Maria Concetta Bonello kien tat u ttrasferit ir-raba' bl-ambjenti ġo fiha, lit-tliet uliedha u għalhekk hi ma kellha ebda titolu aktar fuq l-istess raba';*

iii. *Qatt ħadd mill-partijiet fil-kawża ma qajjem l-iċken dubju li r-raba' kien tagħhom biss;*

iv. *Qatt ħadd mill-partijiet fil-kawża ma semma li ommhom, ir-rikorrenti, kien fadlilha xi dritt fuq l-istess raba';*

v. *Għalkemm Maria Concetta Bonello kienet taf ben tajjeb bil-kawża li l-esponenti kien fetaħ kontra ħutu, stante li hija xehdet fl-istess kawża, matul it-tnax-il sena li l-kawża damet għaddejja, hi qatt ma għamlet l-iċken tentattiv sabiex tidħol jew tintervjeni fl-istess kawża. L-esponenti jistaqsi: jekk verament ommu r-rikorrenti kellha xi farka ta' dritt fuq ir-raba' in kwistjoni, għalfejn ma aġixxietx matul dawk is-snin kollha? U jekk xi ħadd mill-partijiet, partikolarment il-kovenuti f'dik il-kawża emmen li ommhom kellha xi dritt, għalfejn ma sejħilhiex f'dik il-kawża?*

g. *Illi għar-raġunijiet li ġia ssemmew aktar 'il fuq, hija ħrafa dak li r-rikorrenti tallega f'para 2 paġna 2 tar-Rikors meta tgħid: "Fil-fatt il-Qorti tal-Appell ħadet dak li kien b'mera tolleranza għand l-esponenti Maria Concetta Bonello għaliex binha George Bonello ippretenda li dawk il-jeddijiet kienu għandu." Il-Qorti lil Maria Concetta Bonello ma ħaditilha xejn għas-sempliċi raġuni li kienet hi, volontarjament u minn jeddha, stante li kienet kibret fiż-żmien, li tat ir-raba' in kwestjoni lit-tliet uliedha biex jaħdmuh!*

*Interessanti jingħad li hekk kif l-esponenti ngħata sehem mir-raba' hekk ukoll ħutu Saviour u Joseph Bonello kellhom ukoll sehem kull wieħed. Allura għaliex ir-rikorrenti ma semmitx li kemm Saviour u kemm Joseph Bonello ppretendew jeddijiet li ma kinux tagħhom? Għalfejn fir-Rikors tagħha, ir-rikorrenti ssemmi biss lill-espoennti bħala dak li, skond hi, ippretenda jeddijiet fuq ir-raba'? Dan juru biċ-ċar li l-attakk tar-rikorrenti huwa biss fil-konfront tal-esponenti u ħadd aktar, liema attakk qed isir wara li l-istess esponenti rebaħ il-kawża li għamel kontra ħutu;*

h. *Illi para 3 paġna 2 tar-Rikors jikkonsisti f'***ammissjoni lampanti li Maria Concetta Bonello volontarjamet u bil-kunsens totali tagħha** *qalbet u ttrasferit r-raba' in kwistjoni f'isem it-tliet uliedha. Fil-fatt il-firma ta' Maria Concetta Bonello mad-Dipartiment tal-Agrikoltura kienet sine qua non u neċessarja sabiex ir-raba' jiġi rreġistrat f'isem it-tliet uliedha. Minn dak il-ħin li hija ffirmat, hija nħallet minn kwalsiasi responsabilita' u fl-istess ħin irrinunzjat għal kwalsiasi dritt fuq ir-raba' u kienu t-tliet uliedha li akkwistaw kull dritt u obbligu fuq l-istess raba';*

i. *Illi f'para 4 ta' paġna 2 tar-Rikors, Maria Concetta Bonello issemmi li hi kienet ħarġet "flus għall-bżonnijiet ta' riparazzjoni u bżonnijiet oħra". L-esponenti, bir-rispett jirrileva li dan l-argument huwa rrilevanti għall-kwistjoni. Semmai, jekk tali allegazzjoni hija mis-sew u tiġi ppruvata, ir-rikorrenti jista' jkollha kreditu vis-a-vis uliedha, iżda żgur ma tistax tinftiehem li b'hekk saritilha xi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali kif qed tiddependi. Wara kollox anke l-esponenti ħareġ sehmu mill-ispejjeż u għamel ħafna xogħol manwali fir-raba' u fl-ambjenti kollha li hemm fih, inkluż ir-razzett, il-maqjel u l-ħitan tas-sejjiegħ, ta' liema xogħol huwa baqa qatt ma tħallas! Madankollu qatt ma ħass li xi ħadd b'daqshekk kien kisirlu xi dritt fundamentali!*

j. *Illi f'para 5 ta' paġna 2 tar-Rikors, ir-rikorrenti tilmenta illi l-esponenti ma daħħalhiex fil-kawża li huwa għamel. Hija tgħid ukoll li "George Bonello ma ħarrikhiex peress, filwaqt li uliedha konvenuti fil-kawża msemmija qalu mal-ewwel bħala l-eċċezzjoni tagħhom illi l-art li kienet b'mera tolleranza kienet għand l-omm."*

*Illi l-esponenti jirritjeni li ma kellux għalfejn idaħħal lil ommu fil-kawża stante din ma kellha xejn x'taqsam aktar mar-raba' wara li hi tatu lilu u lil ħutu. Jekk verament ħut l-esponenti qalu li l-art kienet għand ommhom, allrua għalfejn ma sejħulhiex huma fil-kawża? Il-fatt la l-esponenti li lanqas ħutu l-konvenuti ma sejħu lil ommhom fil-kawża,*

*ifisser li bħall-esponenti, ħutu kienu jafu ben tajjeb li ommhom ma kellhiex aktar titolu fuq l-art, darba ttrasferitilhom l-istess raba'.*

*L-esponenti jgħid ukoll li mhuwiex minnu illi hu ma ħarrikx lil ommu biex tixhed. Kif jirriżulta mill-istess atti tal-kawża msemmija, kien proprju l-esponenti li ħarrikha biex tixhed.*

k. *Illi para 6 ta' paġna 2 tar-Rikors jikkontradixxi lil para 3 tal-istess paġna! Dan peress li fil-paragrafu ta' fuq Maria Concetta Bonello tgħid li hija tat l-art lil uliedha **bil-kunsens tagħha**. Fil-paragrafu t'isfel, hija tbiddel il-verżjoni u tgħid li l-possediment tal-art "**ittieħed mingħandha** u nqasam **mingħajr ebda kunsens tagħha** u bi dritt u hija qisha ma teżisti xejn."*

*Illi r-rikorrenti tkompli tgħid fl-istess para: "Illi bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell filfatt hija ġiet spossessata mingħajr ma kienet parti fil-kawża u mingħajr ebda aċċenn li kien qiegħed jittieħed xi ħaġa mingħandha." L-esponenti sempliċement jistaqsi kif ir-rikorrenti tista' tikteb tali diskors meta kienet hi stess li volontarjament tat ir-raba' lill-istess uliedha?*

*Illi biex ir-rikorrenti tista' titwemmen trid tkun kemm konsistenti kif ukoll kredibbli f'dak li tikteb!*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet suċitati, l-esponenti jissottometti bir-rispett li huwa ovvju u lampanti li l-ebda vjolazzjoni ma saret lir-rikorrenti ommu, Maria Concetta Bonello, kemm minnu, kemm minn ħutu u anqas minn xi awtorita' kompetenti li għaliha qiegħed jirrispondi l-Avukat tal-Istat, u għalhekk ir-rikors tagħha għandu jiġi respint bl-ispejjeż għax huwa tabilħaqq frivolu u vessatorju u msejjes biss fuq għadd ta' kontradizzjonijiet u inveritajiet kif ser jirriżulta mill-provi orali u dokumentarji li ser jinstemgħu u jiġu ppreżentati fil-kawża.*

**Il-Qorti**

10. Reġgħet rat ir-rikors Kostituzzjonali tar-rikorrenti datat dsatax (19) t'Ottubru 2022;

11. Reġgħet rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat datata wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru 2022;

12. Rat id-digriet mogħti waqt is-seduta tas-sitta (6) ta' Diċembru 2022, illi permezz tiegħu din il-Qorti awtorizzat lil George Bonello jintervjeni fil-proċeduri odjerni *in statu et terminis*;

13. Rat id-digriet mogħti waqt is-seduta tas-sitta (6) ta' Diċembru 2022, illi permezz tiegħu din il-Qorti laqgħet it-talba għall-allegazzjoni tal-atti kollha tal-kawża 1162/10 JA deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-tmintax (18) ta' Lulju 2022, u rat l-atti hekk allegati;

14. Rat ir-risposta ta' George Bonello bħala intervenut fil-kawża, datata sitta (6) ta' Diċembru 2022;

15. Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Maria Concetta Bonello** u d-dokumenti annessi magħha, a fol 26 *et seq* tal-proċess;

16. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Maria Concetta Bonello** prodotta mill-intervenut fil-kawża in kontro-eżami waqt is-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) t'April 2023[1];

17. Rat id-dokumenti esebiti mill-intervenut fil-kawża u mmarkati **Dok FC1 u FC2** a fol 45 *et seq* tal-proċess;

18. Rat l-affidavit ta' **Joseph Bonello** a fol 49-50 tal-proċess, u l-affidavit ta' **Saviour Bonello** a fol 51 tal-proċess. Kopja oħra tal-istess żewġ affidavits ġiet esebita in atti a fol 54 *et seq* tal-proċess;

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 37 *et seq* tal-proċess

19. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-intervenut fil-kawża **George Bonello**, prodott mir-rikorrenti in kontro-eżami waqt is-seduta tal-wieħed u tletin (31) t'Ottubru 2023[2];

20. Rat id-dokumenti esebiti mill-intervenut fil-kawża u mmarkati **Dok GB1 u GB2** a fol 74 *et seq* tal-proċess;

21. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tar-rikorrenti **Maria Concetta Bonello** prodotta mill-Avukat tal-Istat in kontro-eżami waqt is-seduta tal-ħmistax (15) ta' Marzu 2024[3];

22. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Joseph Bonello** prodott mill-Avukat tal-Istat in kontro-eżami waqt is-seduta tal-ħmistax (15) ta' Marzu 2024[4];

23. Rat illi r-rikorrenti ma intavolatx nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu lilha konċess;

24. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat datata l-ewwel (1) t'Awwissu 2024 a fol 103 *et seq* tal-proċess;

25. Rat illi l-intervenut fil-kawża George Bonello naqas milli jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu lilu konċess;

26. Rat illi din il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

27. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

*Fatti Saljenti illi jifformaw l-iSfond tal-Kawża Odjerna*

28. Ikun utli, fl-ewwel lok, illi din il-Qorti tibda billi tiċċara l-isfond illi fih ġiet intavolata l-kawża odjerna;

---

[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 59 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 87*et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 96 *et seq* tal-proċess

29. Permezz ta’ kawża intavolata quddiem il-Qorti Ċivili (Prim’Awla) nhar l-għaxra (10) ta’ Novembru 2010 bir-Rikors Ġuramentat Nru 1162/2010 JA fl-ismijiet ***George Bonello vs Saviour Bonello et***, George Bonello, u cioe iben ir-rikorrenti Maria Concetta Bonello, talab lill-Qorti sabiex jiġu diviżi bejnu u bejn ħutu Joseph u Saviour Bonello numru ta’ għelieqi fl-Imrieħel, fuq art magħrufa bħala ‘Ta’ San Ġwakkin’. Ħutu Joseph u Saviour Bonello eċċepew, *inter alia*, illi l-maġġor parti tal-art in kwestjoni kienet ngħatat lil missierhom (u eventwalment akkwistata minn ommhom wara mewtu) b’mera tolleranza mill-familja tal-mara tal-President Emertitus tal-Qorti, il-Prof Dr J J Cremona, u għalhekk ma setgħetx tiġi diviża gialadarba ngħatat b’titolu prekarju;

30. Il-kawża ġiet deċiża nhar il-ħdax (11) ta’ Jannar 2017, u l-Qorti ddeċidiet illi l-art illi kienet ngħatat b’tolleranza ma setgħetx tiġi diviża bejn il-partijiet, filwaqt illi l-art magħrufa bħala Tal-Bajtra, illi kienet għand il-familja bi qbiela, setgħet tinqasam bejn it-tliet ulied;

31. Minn din is-sentenza ġie intavolat appell mill-aħwa Saviour u Joseph Bonello, u appell inċidentali minn George Bonello. B’sentenza mogħtija nhar it-tmintax (18) ta’ Lulju 2022, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) ddeċidiet illi saħansitra anke l-art li kienet miżmuma mill-aħwa Bonello b’mera tolleranza setgħet tiġi maqsuma bejn it-tliet aħwa, f’qasma *sui generis* illi *“jkollha effett bejn il-kontendenti biss, għall-finijiet tat-tgawdija tal-istess bejn il-partijiet, u mhux ukoll vis-a-vis is-sid, fejn id-drittijiet tiegħu jibqgħu impreġudikati. Il-qasma għalhekk tkun applikabbli biss diment li tkun għadha in vigore d-detenzjoni abbażi tal-qbiela u/jew tat-tolleranza, skont il-każ.”*[5]

32. Nhar id-dsatax (19) t’Ottubru 2022, ir-rikorrenti Maria Concetta Bonello intavolat il-proċeduri odjerni, illi permezz tagħhom qiegħda tallega leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha kif isegwi:

---

[5] Para 33 tas-sentenza, a fol 487a tal-atti allegati

a. **Leżjoni tad-Dritt tagħha għal Smigħ Xieraq kif sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**, stante illi hija ma ġietx involuta fil-kawża quddiem il-Qorti Ċivili (Prim'Awla) u l-Qorti tal-Appell (Superjuri) minkejja illi qed tippretendi illi hija hi stess illi għandha l-pussess tal-art b'mera tolleranza u mhux uliedha;

b. **Leżjoni tad-Dritt tagħha għal Possediment ta' Proprjeta' kif sanċit mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**, stante illi l-Qorti kienet iddeċidiet dwar proprjeta' miżmuma minnha minkejja illi hija ma kinitx imsejħa fil-kawża sabiex tiddefendi d-drittijiet tagħha;

33. Fost l-eċċezzjonijiet sollevati mill-Avukat tal-Istat fil-kawża odjerna, huwa jeċċepixxi illi din il-Qorti m'għandha qatt tintuża bħala Qorti tat-Tielet Istanza sabiex terġa' teżamina mill-ġdid mertu li dwaru tkun inkisbet mill-partijiet *res judicata*;

34. Ikkunsidrati l-provi prodotti fl-assjem tagħhom, hija din l-eċċezzjoni illi din il-Qorti hija tal-fehma illi għandha tiġi primarjament ikkunsidrata.

**<u>Eċċezzjoni dwar jekk din il-Qorti hix qed tiġi mitluba taġixxi bħala Qorti ta' Reviżjoni</u>** ***(Para 5 tar-Risposta tal-Avukat tal-Istat)***

35. Wara li rat ir-Rikors Kostituzzjonali, il-provi prodott mir-rikorrenti u saħansitra x-xhieda tar-rikorrenti stess, din il-Qorti ma ħadet l-ebda impressjoni għajr illi r-rikorrenti ma qablitx mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Superjuri), u għalhekk intavolat il-kawża odjerna;

36. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Nazzareno Muscat vs Avukat Ġenerali et***[6]:

[6] Appell Ċivili Nru 59/2008/1, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju 2010

[...] *Ir-rikorrenti jistgħu ma jaqblux* [mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell]*, pero', mhux il-kompitu ta' din il-Qorti tirrevedi l-interpretazzjoni u l-apprezzament li qorti tal-fatt tkun għamlet.*

*Mhux ir-rwol tal-Qrati b'kompetenza speċjali li jeżaminaw il-fatti li wasslu lill-Qorti ta' ġurisdizzjoni ordinarja tiddeċiedi favur naħa jew oħra, għax altrimenti tkun qed taġixxi bħala Qorti tat-tielet jew raba' istanza. Mhux funzjoni tal-Prim Awla fil-kompetenza kostituzzjonali u "konvenzjonali" tagħha, u ta' din il-Qorti li jirrevedu allegati żbalji ta' xi Qorti oħra. Din il-Qorti għandha l-kompitu li teżamina u tiddeċiedi jekk proċeduri li żvolġew quddiem Qorti oħra segħux jivvjolaw xi dritt fundamentali.*

37. Hekk ukoll, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Raymond Sammut vs Il-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u l-Gvern Lokali et***[7], il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet:

*29. Il-Qorti tibda billi tfakkar illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali m'humiex qrati tat-tielet jew raba' istanza u għalhekk m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti, u lanqas ma kien il-kompitu tal-ewwel Qorti, illi tiddetermina jekk is-sentenza mogħtija fil-proċeduri kostituzzjonali oriġinarjament intavolati mill-appellant hijiex korretta fis-sustanza tagħha kif donnu jippretendi l-appellant.*

38. L-istess prinċipju huwa abbraċċjat ukoll mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-***Practical Guide on Admissibility Criteria*** pubblikat mill-Qorti Ewropea[8] jgħid:

[7] Rik Nru 50/2017/1, Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021
[8] Council of Europea, *Practical Guide on Admissibility Criteria* <https://www.echr.coe.int/documents/d/echr/admissibility_guide_eng> Updated on 28 February 2023

*348. One particular category of complaints submitted to the Court comprises what are commonly referred to as "fourth-instance" complaints. This term - which does not feature in the text of the Convention and has become established through the case-law of the Convention institutions (**Kemmache v. France (no. 3)**, 1994, § 44) - is somewhat paradoxical, as it places the emphasis on what the Court is not: it is not a court of appeal or a court which can quash rulings given by the courts in the States Parties to the Convention or retry cases heard by them, nor can it re-examine cases in the same way as a Supreme Court. Fourth-instance applications therefore stem from a misapprehension on the part of the applicants as to the Court's role and the nature of the judicial machinery established by the Convention.*

*[...]*

*350. Accordingly, the Court's powers are limited to verifying the Contracting States' compliance with the human rights engagements they undertook in acceding to the Convention (and the Protocols thereto). Furthermore, in the absence of powers to intervene directly in the legal systems of the Contracting States, the Court must respect the autonomy of those legal systems. That means that it is not its task to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national court unless and in so far as such errors may have infringed rights and freedoms protected by the Convention. It may not itself assess the facts which have led a national court to adopt one decision rather than another. If it were otherwise, the Court would be acting as a court of third or fourth instance, which would be to*

*disregard the limits imposed on its action (**García Ruiz v. Spain** [GC], 1999, § 28; **De Tommaso v. Italy** [GC], 2017, § 170).*

*351. In the light of the above considerations, the Court may not, as a general rule, question the findings and conclusions of the domestic courts as regards:*

- *the establishment of the facts of the case;*
- *the interpretation and application of domestic law;*
- *the admissibility and assessment of evidence at the trial;*
- *the substantive fairness of the outcome of a civil dispute;*
- *the guilt or innocence of the accused in criminal proceedings.*

*352. The only circumstance in which the Court may, as an exception to this rule, question the findings and conclusions in question is where the latter are flagrantly and manifestly arbitrary, in a manner which flies in the face of justice and common sense and gives rise in itself to a violation of the Convention (**De Tommaso v. Italy** [GC], 2017, § 170; **Kononov v. Latvia** [GC], § 189).*

39. Dwar l-istess prinċipju, jirritjenu wkoll **Harris, O'Boyle u Warbrick**, fil-ktieb tagħhom ***Law of the European Convention on Human Rights***:

*The Court, and formerly the Commission, has made it clear that it does not constitute a further court of appeal, ie a fourth instance ('quatrième instance'), from the decisions of national courts applying national law. In the words of the Court, 'it is not its function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national court*

*unless and insofar as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention'* [*Garcia Ruiz v Spain* 1999-I; 31 EHRR 589 para 28]. *An application that merely claims without more that a national court has made an error of fact or law will be declared inadmissible ratione materiae.* [See, eg. *X v FRG No 2524/57,* 1 YB 150 at 152 (1957)] *[...] However, where the Court is called upon to determine the facts of a case in order to apply a Convention guarantee (eg whether there as inhuman treatment contrary to Article 3), it is not bound by the finding of facts at the national level* [See eg, *Ribitsch v. Austria* A 336 (1995); 21 EHRR 573]. *Where an application alleges that national law violates the Convention, the Strasbourg authorities will not in principle question the interpretation of that law by the national courts* [*X and Y v. Netherlands* A 91 (1985); 8 EHHR 235 para 29]. *However, it may do so where the interpretation by the national court is 'arbitrary'* [See eg *Van Kuck v Germany* 2003-VII; 37 EHRR 973. See also *Von Hannover v Germany* 004-VI; 43 EHRR 139], *or where it is part of a Convention requirement that national law be complied with (eg that an arrest is 'lawful': Article 5(1))* [See eg *Lukanov v Bulgaria* 1997-II; 24 EHRR 121]. *Even so, it is very exceptional for the Court to disagree with any decision by a national court on its interpretation and application of its own national law* [*Winterwerp v Netherlands* A 33 (1979); 2 EHRR 387 para 46].[9]

40. Dan il-prinċipju jagħmel aktar u aktar sens meta jiġi kkonsidrat fil-prinċipju ta' *legal certainty*, illi l-Qorti Ewropea tiddiskrivih kif isegwi fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Agrokompleks v. Ukraine***[10]:

[9] Harris, O'Boyle u Warbrick, *Law of the European Convention on Human Rights* (Oxford, 2nd Edn, 2009) p. 14-15
[10] Appl Nr 23465/03, ECHR (5th Section) 6 t'Ottubru 2011

*1. The principle of legal certainty implies that no party is entitled to seek review of a final and binding judgment merely for the purpose of obtaining a rehearing and a fresh determination of the case. Review by higher courts should not be treated as an appeal in disguise, and the mere possibility of there being two views on the subject is not grounds for re-examination. A departure from that principle is justified only when made necessary by circumstances of a substantial and compelling character (see Ryabykh v. Russia, no. 52854/99, § 52, ECHR 2003-IX).*

41. Applikati l-prinċipji suċitati għall-każ odjern, din il-Qorti rat illi r-rikorrenti, *ex admissis*, intavolat il-proċeduri odjerni sabiex terġa' tieħu pussess tar-raba' illi dwaru kienet saret il-kawża bir-Rikors Ġuramentat Numru 1162/2010 JA. Infatti, tixhed hekk in kontro-eżami:

| | |
|---|---|
| *Dr Muscat* | *Jiġifieri inti l-ilment tiegħek li raba' tridu jibqa' jinħadem, Sinjura. Daqshekk.* |
| *Xhud* | *Użgur.* |
| *Dr Muscat* | *Mhux li qed jinkisru xi drittijiet fundamentali tiegħek.* |
| *Xhud* | *Jien li diment li iħalluli nofs nibqa' naħdmu għax qatt ma ħadilna flus fuq 50 sena, mbasta nieħdu ħsiebu.*[11] |

42. Infatti, din il-Qorti rat illi **<u>ma nġabet l-ebda prova</u>** sabiex tissostanzja l-allegazzjonijiet illi qed tagħmel ir-rikorrenti ta' leżjoni tad-drittijiet

[11] Vide xhieda tar-rikorrenti in kontro-eżami, a fol 94 tal-proċess

fundamentali tagħha; **anzi**, il-provi prodotti kienu jirrigwardaw **unikament** il-mertu tal-vertenza bejn ir-rikorrenti u wliedha f'dak illi huwa t-titolu o meno fuq ir-raba' fl-Imrieħel. Diversi kienu l-istanzi fejn l-abbli legali illi dehret in rappreżentanza tal-Avukat tal-Istat kellha tfakkar lir-rikorrenti in kontro-eżami illi l-kawża odjerna mhix waħda fejn qed jerġa' jiġi investigat il-mertu tal-vertenza bejn ir-rikorrenti u wliedha, iżda kienet waħda dwar allegazzjoni ta' leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem[12];

43. Inoltre, din il-fehma tal-Qorti hija wkoll sostanzjata mill-fatt illi diversi drabi fil-kors tal-proċeduri odjerni, kienet ir-rikorrenti stess illi ddikjarat minn jeddha illi (a) hija kienet taf bil-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Prim'Awla) sakemm kienu għadhom pendenti[13]; (b) kienet hi stess illi xehdet fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Prim'Awla)[14]; u (c) kienet hi stess illi ma ħaditx l-inkarigu tmur tkellem lil Avukat sabiex tara jekk hemmx xi possibilita' illi tidħol fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Prim'Awla)[15]. Mingħajr ma tidħol wisq fil-kwestjoni dwar il-leżjoni o meno tad-dritt għal smigħ xieraq, din il-Qorti tirrileva illi dawn l-ammissjonijiet da parti tar-rikorrenti stess juru illi r-rikorrenti lanqas biss fehmet sewwasew x'inhu dak illi qiegħda titlob bil-proċeduri odjerni. Li kieku r-rikorrenti kienet effettivament konxja ta' dak illi hija qiegħda titlob bil-proċeduri odjerni, ma kinitx tressaq provi illi jxejnu l-allegazzjonijiet tagħha stess. Infatti, din il-Qorti ma tarax kif ir-rikorrenti tippretendi li din il-Qorti tiddeċiedi, per eżempju, illi ġie leż id-dritt tagħha għal smigħ xieraq meta r-rikorrenti, *in primis*, kienet taf bil-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Prim'Awla) u l-Qorti tal-Appell (Superjuri) u ma ħadet l-ebda azzjoni sabiex tintervjeni fl-istess;

---

[12] Vide fol 88, 89, 92.
[13] A fol 89 tal-proċess
[14] A fol 90 tal-proċess
[15] A fol 91 tal-proċess

44. Saħansitra anke l-affidavits tar-rikorrenti[16] u wliedha Joseph u Saviour Bonello[17], jittrattaw biss punti dwar il-mertu tal-vertenza bejn l-omm u l-ulied, ad esklużjoni ta' punti dwar allegata leżjoni ta' xi dritt fundamentali;

45. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tipproċedi u tiddisponi mill-każ odjern billi **tilqa'** l-ħames eċċezzjoni sollevata mill-Avukat tal-Istat, u **tiċħad** it-talbiet rikorrenti għar-raġunijiet espressi f'din id-deċiżjoni.

**Decide**

46. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **Tilqa'** l-ħames eċċezzjoni sollevata mill-Avukat tal-Istat;

ii. **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati mill-Avukat tal-Istat u mill-intervenut fil-kawża George Bonello; u

iii. **Tiċħad** it-talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

---

[16] A fol 26 tal-proċess
[17] A fol 49-50 u 51 tal-proċess rispettivament